# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1453/94 D1 NA**

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes and Mamo Ltd. u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Ltd. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Paul Agius sia bil-polza u sija bil-ligi; u b'nota tal-5 ta' Ottubru 1999 GasanMamo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc assumiet id-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta' estera Royal International Insurance Holdings Limited u dana minflok Hugh P. Zammit nomine.**

**vs**

**Emanuel Meli**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atur nomine fit-3 ta' Novembru 1994 li biha ppremetta:

"Illi fil-5 ta' Gunju 1993 fis-7.30 p.m. f'Main Street kantuniera ma' Selmun Road, San Pawl il-Bahar, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza numru R-4000 huwa habat mal-karozza numru X-5022 misjuqa minn Robert Keay, proprieta' ta' l-assikurat Paul Agius u assikurata taht polza *comprehensive* ma' l-attur nomine;

Illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi in vista ta' l-imsemmija polza l-attur nomine ghamel tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut fil-karozza assikurata mieghu;

Illi d-danni kollha sofferti mill-attur nomine b'konsegwenza ta' l-incident fuq imsemmi jammontaw ghal sitt mija u hamsa u disghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm695.59c0)

(minbarra Lm50 "excess" imhallas mill-assigurat) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas, huwa baqa' inadempjenti;

TALAB li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur nomine;

2. tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm695.59,0 fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. konsegwentement il-konvenut jigi kundanna ihallas lill-attur nomine in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Ottubru 1993 kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fl-14 ta' Frar 1995 fejn eccepixxa:

"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenut izda b'tort uniku tas-sewwieq l-iehor, Robert Keay;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tat-8 ta' Mejju 1995 din il-Qorti, diversament presjeduta, innominat lill-Avukat Dottoressa Yana Micallef Stafrace bhala Perit Legali.

Ir-rapport peritali gie pprezentat fl-14 ta' Novembru 1997 u mahluf fis-seduta tat-12 ta' Jannar 1998.

Il-Perit Legali wara illi semghet il-provi prodotti w ix-xhieda ta' PS298 Joseph Grima, ta' Hugh P. Zammit, tal-konvenut, ta' Mario Cardona, u ta' Mario Demicoli waslet ghall-konkluzzjoni

li l-konvenut ma kienx konvincenti dwar kif sehh l-incident. L-ewwel ighid li l-vettura l-ohra kienet gejja *head on* u mbaghad jghid li ma jafx xi tfisser, ighid li qabad ir-*roundabout* u imbaghad ighid li qatt ma dar mar-*roundabout*.

Invece, ir-ritratti esebiti juru danni li hi konformi ma' vettura li qed iddur mar-*roundabout* (X-0522) u giet milquta fil-genb tax-xellug mill-ponta ta' quddiem ta' vettura (K-4000) li naqset li tata d-dritta spettatanti lilha.

Hija llikwidat id-danni fl-ammont ta' Lm695.59 konformi mas-*survey*, ritratti u kontijiet li ma gewx kontestati.

**<u>Nota ta' Osservazzjonijiet</u>** tal-konvenut ipprezentata fit-22 ta' April 1998.

Il-konkluzzjonijiet tal-Perit gew motivati fuq li l-konvenut "ma kienx konvincenti xejn dwar kif sehh l-incident".

L-oneru tal-prova illi l-incident sehh bi traskuragini tal-konvenut, kien jinkombi fuq l-attur. L-attur jew ma gabx provi diretti dwar l-incident jew invece dawn l-istess provi mhumiex legalment amissibbli.

Il-provi ta' l-attur jikkonsistu:

- Dikjarazzjoni li saret mis-sewwieq assikurat li hija kopja u mhux awtentikata w ikkonfermata bil-gurament, kwindi mhiex legalment ammissibbli bhala prova;

- L-attur jistrieh fuq ix-xhieda tal-Pulizija li nvestiga l-kaz li xehed illi huwa rrepeta fir-rapport dak illi qalulu z-zewg sewwieqa. Ix-xhieda tas-sewwieq hija mankanti u ghandha tigi skartata bhala *hearsay evidence* (Art. 598, Kap. 12);

- F'ritratti tal-hsara taz-zewg vetturi ma hemmx elementi cari. Jekk xejn il-hsara konsistenti mat-tezi tal-konvenut li l-vettura l-ohra kienet iddur *wrong way*.

Ghalhekk l-attur naqas li jgib l-ahjar provi in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu u min jallega ghandu jipprova, il-Perit Legali kellha tasal ghall-konkluzzjoni li fic-cirkostanzi t-talbiet attrici kienu nfondati.

Il-verzjoni tal-konvenut ma gietx kontradetta jew newtralizzata minn prova ohra u ma hemm xejn inkosnistenti fix-xhieda

tieghu. Ix-xhieda tal-konvenut tirribatti kwalunkwe element ta' prova ta' l-attur.

**Nota Responsiva** ta' l-atturypprezentata fid-19 ta' Gunju 1998.

L-attur jaqbel mal-konkluzzjoni peritali.

L-okkorrenza abitwalment tigi accettata bhala prova tad-dinamika ta' l-incident meta tigi kkonfermata bil-gurament tas-Surgent li jkun investiga, kif sar f'dan il-kaz. L-okkorrenza fiha l-verzjoni tal-partijiet *a tempo vergine*. Il-Qrati qatt ma kkunsidraw l-okkorrenza bhala *hearsay evidence* anzi tawha importanza ghaliex tikkonsisti fil-verzjoni reali.

Il-konvenut tul il-gbir tal-provi qatt ma talab sfilz tad-dikjarazzjoni tas-sewwieq u ghalhekk ma jistax issa jghid illi hija ma tikkonsistiex prova legalment ammissibbli.

Il-Perit Legali zammet ukoll access fejn kien prezenti l-konvenut u s-Surgent.

Il-konvenut xehed in effetti in subizzjoni w ix-xhieda tieghu giaghlet lill-Perit tikkonkludi li hu kien responsabbli ghall-incident.

Il-Perit Legali strahet ukoll fuq ritratti esebiti w il-konvenut qatt ma rribatta dawn jew sostna li r-ritratti ma jindikawx id-danni fil-vettura misjuqa mill-assikurat ta' l-attur.

Ikkunsidrat:

Illi huwa minnu illi bhal fi kwalunkwe kawza ohra min jallega jrid jipprova u ghalhekk kien jispetta lill-attur biex jipprova l-pretensjonijiet tieghu f'dak il-grad rikjest f'kawza civili u cioe' illi l-fatti kif minnu allegati probabbilment graw kif kien qed isostni forsi bid-differenza, pero', li f'kawza ta' din in-natura cioe' kollizzjoni bejn zewg vetturi jispetta lill-Qorti tiddeciedi min mis-sewwieqa kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Biex tasal ghal din il-konkluzzjoni l-Qorti trid tezamina l-provi kollha prodotti. Anke ghalhekk ix-xhieda tal-konvenut tikkostitwixxi prova li jekk tkun inkonsistenti tista' tmur favur l-attur. L-attur ghalhekk jista' anke jistrieh bhala prova fuq dak li jixhed il-konvenut u jargumenta b'success illi l-mod kif allegatament saret il-kollizjoni probabbilment saret

kif kien qed isostni hu in vista ta' l-inkonsistenza fix-xhieda moghtija mill-konvenut.  Meta din il-prova tkun rinfurzata, bhal fil-kaz prezenti, bi provi ohra bhal ma huma r-ritratti, l-okkorrenza u li *sketch* dawna flimkien jistghu jikkostitwixxu prova shiha u valida biex il-Qorti taccetta tezi u mhux ohra, anke dik it-tezi ta' min qed jallega u ghalhekk kellu hu jipprova.  Fil-grad rikjest f'kawza civili l-Qorti hija konvinta li l-incident probabbilment gara, mill-provi, kif jallega l-attur u ghalhekk il-parir moghti mill-Perit Legali qed jigi adottat u t-talbiet attrici milqugha peress ukoll illi dwar il-*quantum* tad-danni ma jidhirx illi hemm xi kontestazzjoni u, *in ogni caso*, dawn huma pruvati mid-dokumenti esebiti.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident imsemmi fic-citazzjoni u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur nomine;

2. tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' sitt mija u hamsa u disghin lira Maltin u disgha u hamsin centezimu (Lm695.59,0);

3. konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat, u dana bl-ispejjez kif mitluba.

L-imghax legali pero' jiddekorri biss millum in vista tac-cirkostanzi tal-kaz u partikolarment in vista ta' kif hi redatta t-tieni talba attrici.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.